**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Johannes Dietrich (C-422/19), Norbert Häring (C-423/19) vs Hessischer Rundfunk**

**(Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19)** [1]

***("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika ekonomika u monetarja – Artikolu 2(1) u Artikolu 3(1)(c) TFUE – Politika monetarja – Kompetenza esklużiva tal-Unjoni – Artikolu 128(1) TFUE – Protokoll Nru 4 tal-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 – Kunċett ta' 'valuta legali' – Effetti – Obbligu ta' aċċettazzjoni ta' karti tal-flus iddenominati f'euro – Regolament (KE) Nru 974/98 – Possibbiltà għall-Istati Membri li jipprevedu restrizzjonijiet għall-ħlasijiet permezz ta' karti u muniti iddenominati f'euro – Kundizzjonijiet – Leġiżlazzjoni reġjonali li teskludi l-ħlas fi flus ta' kontribuzzjoni awdjoviżiva lil organu reġjonali rregolat mid-dritt pubbliku tax-xandir")***

(2021/C 88/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Johannes Dietrich (C-422/19), Norbert Häring (C-423/19)

*Konvenut:* Hessischer Rundfunk

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 2(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(c), mal-Artikolu 128(1) u mal-Artikolu 133 TFUE kif ukoll mat-tielet sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jiġi interpretat fis-sens li, indipendentement minn kull eżerċizzju mill-Unjoni Ewropea tal-kompetenza esklużiva tagħha fil-qasam tal-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, huwa jipprekludi li Stat Membru jadotta dispożizzjoni li, minħabba l-għan tagħha u l-kontenut tagħha, tiddetermina l-istatus legali tal-valuta legali għal karti tal-flus iddenominati f'euro. Min-naħa l-oħra, huwa ma jipprekludix li Stat Membru jadotta, fl-eżerċizzju ta' kompetenza tiegħu, bħalma hija l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu, dispożizzjoni li tobbliga lill-imsemmija amministrazzjoni taċċetta l-ħlas fi flus kontanti tal-obbligi pekunjarji li hija timponi.

2) It-tielet sentenza tal-Artikolu 128(1) TFUE, it-tielet sentenza tal-l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 16 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), kif ukoll it-tieni sentenza, l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà li jitħallas obbligu ta' ħlas impost mill-awtoritajiet pubbliċi permezz ta' karti tal-flus ddenominati f'euro, bil-kundizzjoni fl-ewwel lok li din il-leġiżlazzjoni la jkollha bħala għan u lanqas bħala effett, li tiddetermina s-sistema legali tal-valuta legali ta' dawn il-karti tal-flus, fit-tieni lok li ma jwassalx, fil-liġi jew fil-fatt, għat-tneħħija tal-imsemmija karti tal-flus, b'mod partikolari billi tpoġġi f'dubju l-possibbiltà, bħala regola ġenerali, li tħallas obbligu ta' ħlas permezz ta' flus kontanti bħal dawn, fit-tielet lok li ġie adottat b'kunsiderazzjoni ta' raġunijiet ta' interess pubbliku, fir-raba' lok li r-restrizzjoni fuq ħlasijiet fi flus kontanti implikata minn tali regolament hija kapaċi tilħaq l-għan ta' interess pubbliku segwit u, fil-ħames lok li ma jaqbiżx il-limiti ta' dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan, fis-sens li mezzi legali oħra huma disponibbli biex jissodisfaw l-obbligu tal-ħlas

[1] ĠU C 288, 26.08.2019.